MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 1366/1999/1

**Avviz. numru 1366/97**

**Numru**

**W.J. Parnis England Limited**

**Vs**

**Alex Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas is-somma ta’ sitt mija u tlieta u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu LM693.42) dovuta ghal servizzi ta’ ‘freight’ rezi lill-konvenut fuq ordni tal-konvenut stess skond ‘invoices’ numri 11979 u 12103.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Frar 1998 u tal-ittra interpellatorji datati 19 ta' Jannar 1998 u 2 ta' Marzu 1998, u bl-imghax legali sad-data tal-'invoices', li sad-data tal-avviz jammonta ghal mitejn u tnax-il lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm212.65) b'rizerva ghal imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici a tenur ta' l-artikolu 544(a) tal-Kodici Kummercjali;
2. Preliminarjament ukoll, l-illegittimita tal-konvenut bhala l-kontradittur ta' din il-kawza;
3. Fi kwalsiasi kaz in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju billi ma gietx imharrka mart il-konvenut;
4. Fil-mertu, dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, s-somma mitluba tinsab imhallsa fl-intier taghha kif ser jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza;
5. L-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt;
6. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;
7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat mill-istess konvenut fil-bidu tax-xhieda tieghu a fol 31 tal-atti meta hu irtira t-tielet eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mix-xhieda ta' Joseph Bowman u mid-dokumenti esebiti minnu (fol 2 sa fol 16 tal-atti) dan spjega bhala 'general manager' tas-socjeta attrici, illi l-kaz in desamina jirreferi ghal hlas ta' 'freight' dovut allegatament lis-socjeta attrici da parti tal-konvenut in konnessjoni ma' zewg 'invoices' kif elenkati fid-dokument esebit u anness minnu a fol 15 tal-atti. Min dan id-dokument jidher illi z-zewg fatturi, enumerati 11979 u

12103 ghandhom rispettavament, id-dati tal-24 ta' Ottubru 1995 u tas-7 ta' Novembru 1995.

Illi, kif jidher mill-ewwel eccezzjoni sottomesa mill-konvenut hu jikkontendi li din l-azzjoni hi preskritta bit-trapass ta' sena' skond l-artikolu 544 (a) tal-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) liema artikolu jirreferi ghal 'actions for payment of freight by the lapse of one year from the completion of the voyage".

Illi ma hemm ebda dubbju illi, kif saret it-talba in esami cjoe 'in rigward hlas tas-somma specifikata fl-avviz in rigward 'servizzi ta' freight' dan l-artikolu li ghadu kemm gie citat hu applikabbli ghal dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi fl-avviz in esami, hemm imnizzel illi is-socjeta attrici kienet ippresentat ittra ufficjali fil-konfront tal-konvenut, liema ittra ufficjali giet presentata fid-9 ta' Frar 1998.

Illi, pero' jidher ukoll evidenti li bejn id-dati tal-fatturi kif hawn fuq citati u dik tal-istess ittra ufficjali skada perjodu li joltrepassa l-perjodu ta' sena hemm imsemmi.

Illi, konsegwentement din l-azzjoni ghandha tigi konsiderata bhala preskritta. Hawnhekk ghandu jinghad illi s-socjeta attrici esebit 'in atti' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell a fol 17 tal-atti u dan sabiex tikkontrobatti din l-eccezzjoni. Pero din il-Qorti tara li l-istess sentenza ma hix applikabali f'dan il-kaz in vista li t-talba kienet tirreferi ghal spejjes 'ghall-hatt u ghar-rilaxx' ta' merkanzija mentri l-kaz in desamina jinvolvi hlas ta' servizzi ta' 'freight' kif di gja inghad.

Illi inoltre in vista tal-premess u peress li giet intavolata t-tielet ecezzjoni ma hemmx lok illi tigi decisa t-tieni eccezzjoni ukoll.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa l-ewwel eccezzjoni kif proposta u tiddikjara din l-azzjoni bhala preskritta.

Bl-ispejjes kollha jithallsu mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------